**Bniedem li ġibt il-bidla**

Insellimlek ragħaj qalbieni
Li għazilt triq l-umiltà,
Ħallejt warajk kbir eżempju
Taż-żelu tal-karità.

Jibkuk bil-bosta dawn ħutna
Li tant ħabbejt, il-Maltin,
U bl-ispontanjetà tiegħek
Għamilt kburin lill-Beltin.

Ħafna fik sabu ta' veru
Ħabib twajjeb li tafdah,
B'dak li int kont mediċina
Għal min l'Alla qatt ma rah.

U b' dik l-imħabba hekk tbaqbaq
Għal Kristu int dejjem ħriġt,
Biex tiltaqa' miegħu fin-nies
Li magħhom b'għożża int ħdimt.

Jien ukoll tliftek minn ħajtek
Kont tagħmilli wisq kuraġġ,
Biex nibqa' nikteb kemm niflaħ
Biex f'pajjiżna jkollna r-raġġ.

Ta' Kristu li jħobb ifittex
Lin-nagħġa li ntilfitlu,
Fejn ma jmurx sabiex isibha
Ħabtilha u fetħitlu.

Itlob għalina qalbieni
Minn kemm kalvarju għaddejt,
Strieħ fi ħdan Ommok Marija
Li b'imħabba tant ħabbejt.

Ma' Pawlu u l-kbir Duminku
U Tumas w d-Dumnikani,
Ħu hsiebna issa mis-sema
Ragħaj qaddis tas-Setgħani.

F'qalbi tibqa' għażiż Pawlu
Ta' Kristu inti midħla,
Tibkik Malta w anki l-Knisja
Bniedem li ġibt il-bidla

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.